KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 58

L-EWWEL LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 58

It-Tnejn 22 ta' Ġunju, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Golden Oriole, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Francesca Attard – Viċi Sindku Għargħur
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Is-Sur Chircop b'dispjaċir informa lill-membri preżenti għat-telfa tal-veteran u Kunsillier fil-lokalità tas-Swieqi, is-Sur Paul Fenech, li kienet għadha kif ġiet imħabbra l-mewt tiegħu aktar kmieni filgħodu.

Is-Sur Chircop sellem il-memorja tiegħu u l-ħidma tiegħu lejn ir-residenti ta' Swieqi kif ukoll l-kontribuzzjoni taxxogħol tiegħu ma' dan ir-Reġjun kull meta kien hemm bżonn.

Fuq suġġeriment tal-President kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex f'isem dan ir-Reġjun għandu jintbagħat bukkett fjuri meta jiġu mħabbra d-dettalji tal-funeral.

58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, u s-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sabiex jinfurmawna li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

58.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

58.1.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur kienet preżenti l-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard.

58.1.4 Is-Sur Chircop ta merħba għal din il-laqgħa u f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant feraħ lis-Sindku uxxenti, is-Sa Mariah Meli, li ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa kienet għadha kif ħadet il-ġurament biex tkun Membri Parlamentari.

58.1.5 Is-Sur Chircop għamel referenza wkoll għal dawk il-membri fi ħdan ir-Reġjun li kienu qed jikkontestaw l-elezzjoni ġenerali u ma rnexxielhomx jaslu fejn xtaqu, hu qal kif għandhom ikollhom sodisfazzjon kbir li huma għadhom l-iżjed nies rispettati fil-lokalità tagħhom.

58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

58.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 57 li nżammet nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

58.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

58.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart*

58.3.1 Il-President għamel referenza għal dan il-kuntratt u nforma kif nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2026, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-Waste Coordinator Manager kienu preżenti għat-tieni laqgħa rigward il-preparamenti għas-sejħa l-ġdida tal-ġbir ta' l-iskart domestiku.

58.3.2 Is-Sur Chircop fakkar kif fl-ewwel laqgħa, li kienet inżammet fis-17 t'April, ir-Reġjun kien ġie mitlub jiġbor ta' informazzjoni mingħand kull Kunsill dwar is-servizz li qed jingħata fil-preżent u x'għandu jkun inkluż fis-sejħa l-ġdida. S'issa l-Waste Manager, Ryan Zammit, iltaqà ma' 7 Kunsilli Lokali (Għargħur, Ħal Lija, Birkirkara, Pietà, Sliema, Msida u Swieqi). Għaldaqstant hu ħeġġeġ lil dawk il-Kunsilli li kienu għadhom iridu jżommu din il-laqgħa individwalment sabiex jgħamlu mezz li din tinżamm mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa ta' Lulju 2026.

58.3.3 *17:07pm – is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, u s-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, waslu għal din il-laqgħa.*

58.3.4 Il-President għamel referenza għall-kuntratt li kien qed jiġi ppreparat bejn l-avukati tar-Reġjun u l-avukat tal-kuntrattur. Għalkemm dan il-kuntratt kien ġie ppreparat wara laqgħa bi qbil bejn l-avukati taż-żewġ partijiet, is-Sur Chircop informa kif ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni b'emejl mingħand il-kuntrattur b'kuntratt ieħor.

58.3.5 Għal din ir-raġuni, l-President ressaq fuq il-mejda kopja tal-kuntratt ippreparat mill-avukati bi qbil ma' l-avukat tal-kuntrattur u kopja tal-kuntratt imressaq mill-kuntrattur, u talab lill-membri sabiex tittieħed deċiżjoni jekk ir-Reġjun jimxix mal-parir ta' l-avukat.

58.3.6 *17:12pm – Il-Viċi President tar-Reġjun u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

58.3.7 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun jipproċedi bil-parir mgħoti lilu mill-avukat u jiġi ffirmat il-kuntratt li kien ppreparat fuq qbil bejn iż-żewġ avukati u mhux dak li kien ġie ppreżentat mill-kuntrattur.

- *Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

58.3.8 Il-President informa lill-membri preżenti kif is-sid ta' l-uffiċċju wieġeb lura għal prosposta b'kontra proposta fejn jixtieq li lewwel tliet xhur minn Awwissu 2026 il-ħlas ikun ta' €2,750 fix-xahar umbad il-ħmistax-il xahar l-ieħor ikun bir-rata ta' €3,000 fix-xahar.

58.3.9 Kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun jipproċedi b'din it-talba.

58.3.10 Inżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti l-uffiċini tar-Reġjun u kien hemm qbil sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tagħmel talba għall-laqgħa mas-CEO tal-Awtorità ta' l-artijiet, is-Sur Robert Noel Vella, flimkien mas-Sa Catherine Fenech.

- *Laqgħa Ġenerali Annwali 2026*

58.3.11 Is-Sur Chircop għamel referenza għal din il-laqgħa li kienet inżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2026 ġewwa Trident Park, Birkirkara. Hu spjega kif matul din il-laqgħa, apparti r-rapport li ngħata fuq ix-xogħol u proġetti li qed isir mir-Reġjun, kien hemm diskussjoni tajba ħafna bil-kelliema dwar il-preservazzjoni tal-Widien.

58.3.12 Is-Sur Chircop għamel referenza wkoll għal stedina li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Maniġers kienu preżenti għal preżentazzjonijiet mgħotija minn studenti ta' l-Università ta' Malta dwar il-widien li jinsabu fi ħdan ir-Reġjun.

58.3.13 Is-Sur Chircop talab lis-Segretarju Eżekuttiv tara hux permess li dawn il-preżentazzjonijiet jiġu mgħoddija lir-Reġjun u ċċirkulati mas-Sindki u membri preżenti.

58.3.14 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda korrispondenza mingħand il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Mario Fava, dwar il-laqgħa Ġenerali annwali u esprima d-diżappunt tiegħu ukoll rigward in-nuqqas ta' attendenza.

- *Sezzjoni ta' Informazzjoni dwar Fondi Lokali u ta' l-UE*

58.3.15 B'referenza għal din is-sezzjoni, il-President irringrazzja lil dawk kollha li kienu preżenti għal din is-sezzjoni li nżammet nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2026 fis-sala ta' Birkirkara. Mill-ġdid irringrazzja lill-Kunsill ta' Birkirkara talli ospitana fis-sala tiegħu sabiex din is-sezzjoni setgħet tinżamm. Hu rringrazzja wkoll lill-kelliema mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, SEM u EUPA ta' l-informazzjoni li taw.

58.3.16 Is-Sur Chircioq irrimarka kif sfortunatament l-attendenza kienet baxxa u ħeġġeġ lill-membri sabiex jgħamlu mezz li jattendu u jinkoraġixxu sħabhom il-Kunsilliera u *staff* biex jattendu.

58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

58.4.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Setafno Savo, nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2026, sabiex jistaqsi jekk ir-Reġjun għandux il-pjan li tinħareġ skema finanzjarja simili bħal dik li kienet ħarġet fis-sena preċedenti fejn il-Kunsilli Lokali jkollhom fondi sabiex isir proġett fil-lokalità.

58.4.2 Is-Sur Chircop stieden lis-Sur Savo jindirizza lill-membri u jispjega l-komunikazzjoni tiegħu.

58.4.3 Is-Sur Savo staqsa jekk ir-Reġjun għandux il-ħsieb li joħroġ skema finanzjarja bħal ma kienet inħarġet fis-sena preċedenti fejn il-Kunsilli jibenifikaw minn fondi sabiex jinżamm proġett fil-lokalità. Hu spjega li fis-sena preċedenti din l-iskema kienet ħarġet lejn Ottubru u jkun ferm aħjar jekk skemi bħal din jew oħrajn għandhom jinħarġu qabel sabiex il-Kunsilli fi ħdan ir-Reġjun ikunu jistgħu jippjanaw aħjar kif ser jgħamlu użu minnhom.

58.4.4 Is-Sur Chircop informa kif fix-xahar ta' Lulju dan ir-Reġjun ser ikun qiegħed jippreżenta t-tieni rapport finanzjarju għas-sena 2026 u wieħed ikun jistà anke jevalwa s-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun sa nofs din is-sena u wara ser ikun qed ilaqqa l-kumitat tal-finanzi u fondi sabiex dan il-punt ikun jistà jiġi diskuss.

58.5 Rapporti

58.5.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-*audited financial statements* għas-sena 2025 wara li saru l-aġġustamenti neċċessarji li kienu rrakomandata mill-awdituri.

58.5.2 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

58.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Neptunes WPSC*

58.6.1 Il-President aġġorna lill-membri fuq il-laqgħa li kienet inżammet nhar l-Erbgħa 13 ta' Mejju 2026 fejn għaliha kien hemm preżenti hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u mas-Sur Andrea Sammut f'isem Neptunes.

58.6.2 Is-Sur Chircop qal kif waqt din il-laqgħa ġie ikkonfermat li dan il-kuntratt baqgħalu sena oħra – minn Ottubru 2026 sa Mejju 2027 kif ukoll ir-Reġjun ġie nfurmat li dan il-klabb għandu interess li jerġa japplika għal dawn il-fondi mill-Fond għall-Iżvilupp tal-Ippjanar.

58.6.3 Is-Sur Chircop qal ukoll kif waqt din il-laqgħa hu talab sabiex it-talba l-ewwel tiġi mressqa lill-kunsill Lokali ta' San Ġiljan qabel ma din tiġi mressqa għand ir-Reġjun.

58.6.4 Hu fakkar ukoll kif dan l-arranġament kien sar taħt presidenza preċedenti u kif kienet milqugħa tajjeb ħafna mir-residenti u kif ta' min li dan l-arranġament jinżamm għall-benefiċċju tar-residenti fi ħdan ir-Reġjun.

- *Regional Sports Day 2026*

58.6.5 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun kien avviċina lill-MEYR Centre for PE & Sports (Ħamrun) u kien hemm qbil sabiex din is-sena din l-attività tinżamm nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru 2026. Hu żied jgħid ukoll kif il-baġit allokat sabiex jinxtara equipaġ sportiv huwa ta' €500.00.

58.6.6 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Regional Chess Tournament 2026*

58.6.7 B'referenza għal dan l-avveniment, il-President informa kif ix-xahar li għaddha l-uffiċċju beda il-preparamenti meħtieġa sabiex tinżamm il-ħames edizzjoni.

58.6.8 Hu informa wkoll kif l-applikazzjoni kellha tingħalaq hekk kif in-numru ta' parteċipanti leħaq 'il fuq minn 70 persuna. Dan ir-Reġjun jixtieq jirringrazzja lid-diversi *sponsors* li taw premijiet differenti sabiex din l-attività tkun waħda ta' suċċess.

Community Support Scheme 2026 - FLOW project

58.6.9 B'referenza għal din l-iskema finanzjarja, il-President informa kif il-kuntratt sabiex ir-Reġjun jingħata l-fondi kien ġie iffirmat. Hu spjega wkoll kif l-ispiża sħieħa ta' dan il-proġett jammonta għal €17,330, filwaqt li l-ammont iffinanzjat ser jkopri 80% tal-ispiża totali, li tfisser €15,464. Id-differenza ta' €1,866 ser tkun qed tinħareġ mill-allokazzjoni tar-Reġjun.

58.6.10 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

- *President's Fund*

58.6.11 Il-President informa kif dan ir-Reġjun jixtieq iressaq applikazzjoni għal dan il-fond li huwa maħruġ mill-Kunsill Malti għall-Arti flimkien ma' l-Uffiċċju tal-President ta' Malta. Hu spjega kif dan il-proġett ser ikun bl-isem 'Theatre in the Community' – fejn l-għan huwa li jiġu organizzati diversi *workshops* tat-teatru maż-żgħażagħ b'kollaborazzjoni mal-Junior College, organizzazzjonijiet tal-istudenti u żgħażagħ.

58.6.12 Kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti.

- *IVANt 2026*

58.6.13 B'referenza għat-tielet edizzjoni ta' dan il-proġett, il-President informa kif l-ewwel attività se jibda fil-5 ta' Lulju ġewwa Pembroke u se jibqà għaddej sal-5 t'Awwisu. Hu qal ukoll kif hemm numru ta' artisti mill-aqwa kif ukoll talenti ġodda u ħeġġeġ lill-kulħadd sabiex jattendu għal l-avvenimenti kollha li hemm marbut dan il-programm.

- *virtualmalta.com*

58.6.14 Il-President informa kif nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2026 kienu ġew ippublikati tliet talbiet għal-kwotazzjonijiet fuq is-sistema ta' l-EPPs relatati mal-pubblikazzjoni għal dan il-ktieb li se jkun gwida bl-istamp ta' diversi siti storiċi madwar Malta u Għawex b'kodiċi tal-QR li jieħduk għall-website.

58.6.15 Hu kompla jgħid kif għal din ir-raġuni hemm bżonn li jiġi maħtur bord għall-evalwazzjoni.

58.6.16 Kien hemm qbil sabiex il-bord ikun kompost mill-President, Anthony Chircop, bħala Chairperson, is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, flimkien mas-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, u l-Viċi Sindku tal-Iklin, Yvonne Bartolo, bħala membri fuq il-bord.

58.6.17 B'relazzjoni ma' dan is-suġġett hu fakkar li kien hemm ukoll komunikazzjoni mill-Manager tal-Kultura, is-Sur James Hamberger, dwar l-istampar ta' tabelli bil-kodiċi tal-QR li għandha titpoġġa quddiem kull sit fi ħdan ir-Reġjun u kif dawn ser jiġu installati fil-ġranet li ġejjin wara li s-Sur Hamberger kien bagħat jitlob konferma ta' fejn kul tabella ser tkun qed tiġi mwaħla.

58.6.18 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif dan ir-Reġjun kien irnexxielu jikseb 400 *goggles* tal-kartun VR b'xejn mill-MTA u kif dawn se jiġu *branded* u mgħotija b'xejn lin-nies u tfal waqt avvenimenti u attivitajiet relatati mal-promozzjoni għal dan il-proġett.

58.6.19 Permezz ta' dan il-proġett, ir-Reġjun se jkun qed jikkolabora wkoll ma' numru ta' skejjel tas-sajf, kemm fir-Reġjun kif ukoll barra mir-Reġjun din l-esperjenza tar-realtà virtwali tilħaq ħafna nies u studenti.

- *Kunsill Lokali Swieqi*

58.6.20 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex jitolbu l-approvazzjoni tar-Reġjun biex jgħamlu użu mid-*Development Planning Funds* biex isir *embellishment* fil-kantunier ta' Triq il-Qasam ma Triq il-Wiżna.

58.6.21 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *CIR AKL 2026/041 ALDA International School for Local Democracy 2026*

58.6.22 B'referenza għal din iċ-ċirkulari l-President informa kif nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju 2026 dan ir-Reġjun bagħat emejl li kienet waslet mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn f'din il-komunikazzjoni kien ressaq stedina sabiex Sindku jew rappreżentant li jattendi għall-laqgħat tar-Reġjun fuq bażi regolari jkollu l-opportunità li jattendi dan il-kors li ser jinżamm bejn it-2 u l-4 ta' Settembru.

58.6.23 Is-Sur Chircop qal kif għalkemm l-istedina intbagħtet iktar minn darba u d-data ta' l-għeluq ġiet estiża, dan ir-Reġjun ma rċieva l-ebda komunikazzjoni ta' Interess. Sadanitant kien hemm qbil sabiex għal dan il-kors ser jattendi il-Maniger tal-Kultura, is-Sur James Hamberger. Huwa ressaq l-applikazzjoni tiegħu u qed jistenna konferma jekk hux magħżul.

- *Passi fil-Wied – Skola Sajf 2026*

58.6.24 Wara s-suċċess ta' Passi fil-Wied b'kollaborazzjoni mal-Programm King's Trust u l-ERA, dan ir-Reġjun ġie avviċinat minn Skola Sajf sabiex jiġu organizzati sitt ħarġiet addizzjoni ma' dawk l-iskejjel tas-sajf fir-Reġjun. Peress li numru ta ħarġiet se jinvolvu numru ta' eżerċizzjoni ġewwa, se jkun hemm bżonn li tintuża kamra. Pruvajna li din il-kamra tingħata bla ħlas pero l-unika kamra qrib u li hija aċċessibli hija fl-Università ta' Malta għal prezz ta' €918 (skond ta' 10%).

58.6.25 Kien hemm approvazzjoni dwar dan mill-membri preżenti.

58.6.26 *18:12pm – Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba mpenn ieħor.*

58.6.27 Marbuta ma' dan is-suġġett, is-Sur Chircop informa wkoll kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Manager ta' l-Ambjent u ta' l-Iskart kienu mistednin jattendu għall-preżentazzjoni mill-istudenti dwar il-widien li jinsabu fi ħdan ir-Reġjun.

58.6.28 Is-Sur Chircop faħħar dawn l-istudenti għax-xogħol li kienu għamlu u talab sabiex is-Sa Borg Brincat tagħmel kuntatt mal-fakulta sabiex il-preżentazzjonijiet li kienu mgħotija mill-istudenti, jkunu jistgħu jiġu ċċirkulata mas-Sindki tar-Reġjun.

58.6.29 *18:15pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba mpenn ieħor.*

- *Kwotazzjonijiet*

58.6.30 Il-President ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet miġbura mill-amministrazzjoni tar-Reġjun għall-approvazzjoni tal-membri preżenti. Liema kwotazzjonijiet kienu mibgħuta lill-membri preżenti aktar kmieni dakinhar.

58.6.31 B'referenza għal ġbir ta' kwotazzjonijiet sabiex jinżamm awditjar fuq il-pagamenti relatati mal-ġbir ta' l-iskart domestiku, li huwa mitlub kull sena mill-ERA, dan kien ser isir minn Adi Associates għall-prezz ta' €1,180.00 li kienet l-orħos offerta mgħażula.

58.6.32 B'referenza għall-ġbir ta' kwotazzjonijiet sabiex il-vann bl-apparat ikun inxurjat u l-orħos kwotazzjoni kienet dik provduta minn Bonnici Insurance Agency Ltd. Għall-prezz zta' €787.00.

58.6.33 B'referenza għall-ġbir ta' kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm kumpanija sabiex tgħin fil-loġistika kollha waqt l-avveniment tar-Regional Chess Tournament 2026 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Dynamic Events għall-prezz ta' €1,250.80.

58.6.34 B'referenza għall-ġbir ta' kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm ftit xorb u ikel lill-parteċipanti taċ-chess tournament, il-membru qablu li jgħażlu l-orħos kwotazzjoni provduta minn Apetitosa għall-prezz ta' €811.84.

58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

58.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

58.7.2 Huwa ġibed l-attenzjoni fuq żewġ pagamenti. B'referenza għall-pagament mas-Sur ChrIs-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 55A u 55B.

58.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com*

58.8 Mozzjonijiet

58.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

58.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:24 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' Lulju, 2026.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv